**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0028/2024 }**
**B10-0031/2024 }**
**B10-0033/2024 }**
**B10-0036/2024 }**
**B10-0039/2024 }**

**RC1**

18.9.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0028/2024 (Verts/ALE)
B10-0031/2024 (S&D)
B10-0033/2024 (Renew)
B10-0036/2024 (PPE)
B10-0039/2024 (ECR)
dwar l-appoġġ finanzjarju u militari kontinwu lill-Ukrajna mill-Istati Membri tal-UE
(2024/2799(RSP))

**Michael Gahler, Andrzej Halicki, Sebastião Bugalho, David McAllister, Siegfried Mureşan, Željana Zovko, Andrius Kubilius, Pekka Toveri, Rasa Juknevičienė, Isabel Wiseler-Lima, Antonio López-Istúriz White, Nicolás Pascual De La Parte, Mika Aaltola, Wouter Beke, Gheorghe Falcă, Niclas Herbst, Sandra Kalniete, Marcin Kierwiński, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, Vangelis Meimarakis, Danuše Nerudová, Ana Miguel Pedro, Hélder Sousa Silva, Davor Ivo Stier, Michał Szczerba, Alice Teodorescu**

**Måwe, Ingeborg Ter Laak, Riho Terras, Matej Tonin, Inese Vaidere**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Sven Mikser**
f'isem il-Grupp S&D
**Aurelijus Veryga, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Tobiasz Bocheński, Roberts Zīle, Michał Dworczyk, Veronika Vrecionová, Jadwiga Wiśniewska, Ondřej Krutílek, Reinis Pozņaks, Rihards Kols, Sebastian Tynkkynen, Małgorzata Gosiewska, Assita Kanko**
f'isem il-Grupp ECR
**Helmut Brandstätter, Petras Auštrevičius, Dan Barna, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Bart Groothuis, Karin Karlsbro, Ľubica Karvašová, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Eugen Tomac, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Dainius Žalimas**
f'isem il-Grupp Renew
**Sergey Lagodinsky, Markéta Gregorová**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Hanna Gedin, Jonas Sjöstedt, Li Andersson, Jussi Saramo, Merja Kyllönen, Per Clausen**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-appoġġ finanzjarju u militari kontinwu lill-Ukrajna mill-Istati Membri tal-UE**
**(2024/2799(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja mill-1 ta' Marzu 2022 'l hawn, b'mod partikolari dik tas-17 ta' Lulju 2024 dwar il-ħtieġa tal-appoġġ kontinwu tal-UE għall-Ukrajna[1],

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjonijiet ta' The Hague, il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli addizzjonali tagħhom, u l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-14 ta' Frar 2024 tal-Bank Dinji, tal-Gvern tal-Ukrajna, tal-Kummissjoni Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Ukraine - Third Rapid Damage and Needs Assessment (RDNA3) February 2022 – December 2023" (L-Ukrajna - It-Tielet Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet (RDNA3) Frar 2022 – Diċembru 2023),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna[2],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Appoġġ għall-Ukrajna tat-12 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra l-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna tas-27 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-ministri għall-affarijiet barranin ta' Franza, tal-Ġermanja u tar-Renju Unit tal-10 ta' Settembru 2024 dwar it-trasferiment ta' missili ballistiċi mill-Iran lejn ir-Russja,

– wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku tan-NATO tal-2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Russja ilha mill-24 ta' Frar 2022 tmexxi gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u inġustifikata kontra l-Ukrajna, b'kontinwazzjoni ta' aggressjonijiet preċedenti imwettqa mill-2014, inkluża l-annessjoni tal-Krimea u l-okkupazzjoni sussegwenti ta' partijiet mir-reġjuni ta' Donesk u ta' Luhansk, u qed tkompli tikser b'mod persistenti l-prinċipji tal-Karta tan-NU permezz tal-aggressjonijiet tagħha kontra s-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tikser b'mod sfaċċat u gravi d-dritt umanitarju internazzjonali, kif stabbilit mill-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra

[1] Testi adottati, P10_TA(2024)0003.
[2] ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj?eliuri=eli%3Areg%3A2024%3A792%3Aoj&locale=mt.

tal-1949;

B. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU, fir-riżoluzzjoni tagħha tat-2 ta' Marzu 2022, ikkwalifikat immedjatament il-gwerra Russa kontra l-Ukrajna bħala att ta' aggressjoni bi ksur tal-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-NU, u, fir-riżoluzzjoni tagħha tal-14 ta' Novembru 2022, irrikonoxxiet il-ħtieġa li l-Federazzjoni Russa tinżamm responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha u legalment u finanzjarjament responsabbli għall-atti illegali tagħha fuq livell internazzjonali, inkluż permezz ta' reparazzjonijiet għall-ħsarat u d-danni kkawżati;

C. billi l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) ħarġet diversi mandati ta' arrest għal uffiċjali Russi responsabbli għad-delitti tal-gwerra billi dderieġu l-attakki fuq oġġetti ċivili, iddeportaw b'mod illegali l-popolazzjoni u ttrasferew b'mod illegali l-popolazzjoni minn żoni okkupati tal-Ukrajna lejn il-Federazzjoni Russa, għad-detriment tat-tfal Ukreni; billi f'Settembru 2024, il-Mongolja naqset milli teżegwixxi l-mandat ta' arrest tal-QKI kontra Vladimir Putin;

D. billi l-Ukrajna u ċ-ċittadini tagħha wrew determinazzjoni soda fid-difiża b'suċċess ta' pajjiżhom, minkejja li dan swielhom għadd kbir ta' vittmi ċivili u militari; billi l-forzi tar-Russja qed ikomplu jwettqu attakki sistematiċi u indiskriminati kontra żoni residenzjali u infrastruttura ċivili fl-Ukrajna, li rriżultaw fil-mewt ta' eluf ta' ċivili Ukreni, id-deportazzjonijiet furzati u l-għajbien furzat, inkluż ta' tfal, flimkien mal-priġunerija illegali u t-tortura ta' ċittadini Ukreni, l-eżekuzzjoni ta' ċivili, suldati u priġunieri tal-gwerra, u atti ta' terroriżmu fil-pajjiż kollu, inkluż l-użu ta' vjolenza sesswali u stupru tal-massa bħala arma tal-gwerra; billi miljuni ta' Ukreni qed jibqgħu jiġu spostati ġewwa u barra mill-Ukrajna, wara li ħarbu mill-aggressjoni tar-Russja;

E. billi r-Russja ilha mill-24 ta' Awwissu 2024 twettaq l-aktar kampanja intensa tagħha s'issa ta' bumbardament mill-ajru kontra l-Ukrajna, u varat għadd kbir ta' missili ballistiċi, glide bombs, droni u armi oħra kontra Kharkiv, Kiev, Poltava, Sumy, Odesa u Lviv, fejn attakk reċenti bid-droni u bil-missili qatel seba' persuni ċivili 70 km biss mill-fruntiera Pollakka; billi r-Russja effettivament għamlet ħsara jew qerdet sa 80 % tal-infrastruttura tal-enerġija tal-pajjiż, u dan jista' joħloq kriżi umanitarja gravi fl-Ukrajna matul ix-xhur tax-xitwa li ġejjin; billi tali attakki sistematiċi jikkostitwixxu delitti tal-gwerra skont id-dritt internazzjonali;

F. billi l-President Ukren, Volodymyr Zelenskyy, ħabbar li, fit-12 ta' Settembru 2024, missila Russa kienet laqtet bastiment tal-merkanzija li kien qed iġorr il-qamħ fil-Baħar l-Iswed fi triqtu lejn l-Eġittu u b'hekk is-sigurtà tal-ikel reġgħet saret bersall; billi d-droni u l-missili Russi mmirati lejn l-Ukrajna qed jiksru dejjem aktar l-ispazju tal-ajru tal-UE u tan-NATO u b'hekk qed ipoġġu f'riskju liċ-ċittadini li jinsabu fir-reġjuni tal-Lvant tagħna;

G. billi s-sitwazzjoni umanitarja fl-Ukrajna, speċjalment qrib il-kampijiet tal-battalji, saret aktar u aktar kritika; billi, skont in-NU, l-attakki Russi reċenti fuq l-infrastruttura ċivili kritika ħallew għexieren ta' eluf ta' Ukreni mingħajr servizzi essenzjali u aktar minn 14,6-il miljun persuna, madwar 40 % tal-popolazzjoni Ukrena, se jkollhom bżonn għajnuna umanitarja fl-2024; billi l-ostilitajiet intensifikati fl-oblast ta' Kharkiv f'Mejju

kkawżaw ukoll l-akbar spostament fl-Ukrajna mill-2023 ’il hawn; billi, minħabba nuqqas ta’ finanzjament, in-NU tirrapporta li l-ħaddiema tal-għajnuna umanitarja bħalissa mhumiex kapaċi jissodisfaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet kritiċi fil-pajjiż; billi, jekk il-kunflitt jittawwal, il-ħtiġijiet urġenti se jippersistu u jiggravaw fix-xhur li ġejjin; billi l-qerda tal-infrastruttura fl-Ukrajna qed ikollha konsegwenzi diżastrużi għas-saħħa tan-nisa, li spiss huma dawk li qed jagħmlu x-xogħol ta’ infermiera, dak mediku u dak tal-indukrar;

H. billi l-Ungerija ħarġet digriet bi ksur tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja[3], li jikkanċella l-kenn iffinanzjat mill-Istat għar-rifuġjati mill-Punent tal-Ukrajna, u ħalla lil ħafna, il-maġġoranza tagħhom nisa u tfal, mingħajr dar;

I. billi l-aħħar stima fil-Valutazzjoni Rapida tal-Ħsara u l-Ħtiġijiet (RDNA3) konġunta maħruġa mill-Gvern tal-Ukrajna, mill-Grupp tal-Bank Dinji, mill-Kummissjoni u min-Nazzjonijiet Uniti hija li mill-31 ta’ Diċembru 2023 il-kost totali tar-rikostruzzjoni u l-irkupru fl-Ukrajna se jammonta għal mill-anqas USD 486 biljun matul id-deċennju li jmiss, żieda mill-USD 411-il biljun stmat sena ilu;

J. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha s’issa taw aktar minn EUR 100 biljun f’assistenza finanzjarja, umanitarja, għar-rifuġjati u militari lill-Ukrajna; billi l-UE pprovdiet aktar minn EUR 25 biljun f’appoġġ makrofinanzjarju lill-Ukrajna fl-2022 u fl-2023 u stabbiliet il-Faċilità għall-Ukrajna, strument finanzjarju ddedikat li se jippermettilha tipprovdi lill-Ukrajna sa EUR 50 biljun f’appoġġ finanzjarju prevedibbli u flessibbli mill-2024 sal-2027; billi f’Lulju 2024, l-UE għamlet l-ewwel pagament regolari tagħha ta’ madwar EUR 4,2 biljun fl-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna stabbilita reċentement; billi dan il-pagament isegwi l-appoġġ tranżitorju u ta’ prefinanzjament li jammonta għal EUR 12,2-il biljun minn meta ġiet stabbilita l-Faċilità f’Marzu 2024;

K. billi r-Russja żiedet b’mod sostanzjali l-infiq u l-produzzjoni militari tagħha stess fl-2024; billi r-Russja qed tuża wkoll il-ħażna tal-munizzjon tal-Belarussja u qed tiddependi mill-appoġġ militari ta’ għadd ta’ pajjiżi, primarjament l-Iran u l-Korea ta’ Fuq; billi hemm rapporti li jindikaw li ċ-Ċina qed tipprovdi lir-Russja assistenza sostanzjali biex issaħħaħ il-kapaċitajiet militari tagħha, li jestendu lil hinn mit-teknoloġiji b’użu doppju; billi skont sorsi governattivi l-Iran reċentement bagħat vjeġġi ta’ missili ballistiċi ta’ medda qasira Fath-360 lejn ir-Russja; billi Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit ħabbru sett ġdid ta’ sanzjonijiet kontra l-Iran;

L. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mas-sħab internazzjonali u l-alleati tan-NATO, qegħdin ikomplu jipprovdu appoġġ militari lill-Ukrajna sabiex jgħinuha teżerċita d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa skont l-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU; billi l-Missjoni ta’ Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b’appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine), s’issa ħarrġet madwar 60 000 membru tal-Forzi Armati Ukreni kemm f’taħriġ dwar l-armi kombinati kif ukoll f’taħriġ

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta’ Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta’ influss bil-massa ta’ persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta’ dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj.

speċjalizzat; billi n-NATO se tiżgura kontribuzzjoni finanzjarja annwali ta' EUR 40 biljun lill-Ukrajna;

M. billi għad hemm livell baxx ta' għajnuna militari kemm f'termini ta' kwalità u kemm ta' kwantità kif ukoll dewmien fil-konsenja attwali ta' armi u munizzjon lill-Ukrajna wara li jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-konsenja; billi ħafna Stati Membri mhumiex qed jissodisfaw il-wegħdiet tagħhom u xi kontributuri ewlenin saħansitra ħabbru pjanijiet biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-kontribut tagħhom għall-għajnuna militari għall-Ukrajna fl-2025; billi l-UE ddeċidiet li tuża l-profitti mhux mistennija minn assi ffriżati tal-Bank Ċentrali tar-Russja biex tappoġġja lill-Ukrajna, b'mod partikolari għal assistenza militari addizzjonali; billi ma ġie stabbilit l-ebda qafas legali għall-qbid u r-ridistribuzzjoni effettivi tal-qligħ kapitali minn assi Russi ffriżati;

N. billi, barra minn hekk, l-Ungerija qed timblokka kemm il-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna ta' EUR 5 biljun stabbilit reċentement f'Marzu 2024 fi ħdan il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) kif ukoll it-tmien segment tar-rimborżi tal-EPF għall-Istati Membri li kkunsenjaw għajnuna militari lill-Ukrajna tul aktar minn 18-il xahar;

O. billi minn Frar 2022 'il hawn, l-UE adottat 14-il pakkett ta' sanzjonijiet Ewropej immirati biex jimminaw il-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra illegali ta' aggressjoni tagħha;

P. billi l-Istati Membri tal-UE qed ikomplu jixtru fjuwils fossili u uranju mir-Russja u b'hekk qed jikkontribwixxu għall-ekonomija Russa u jsaħħu r-riżorsi tagħha tal-gwerra; billi l-bejgħ tal-fjuwils fossili Russi lill-UE minn mindu faqqgħet il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala kbira kontra l-Ukrajna qabeż il-EUR 200 biljun, li huwa d-doppju tal-finanzjament totali pprovdut lill-Ukrajna matul l-istess perjodu; billi l-UE tat eżenzjoni għaż-żejt mhux maħdum Russu importat permezz tal-pipeline Druzhba lill-Ungerija, lis-Slovakkja u liċ-Ċekja; billi ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-gass Russu mill-Ażerbajġan hija kwistjoni ta' tħassib dwar ir-rwol tal-Ażerbajġan bħala fornitur alternattiv tal-gass minflok ir-Russja, peress li Baku, li ma jistax jissodisfa d-domanda Ewropea, jista' jagħti tikketta ġdida lill-gass Russu bħala gass Ażerbajġan għall-konsum Ewropew;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-involviment tal-Belarussja f'din il-gwerra, u jeżiġi li r-Russja ttemm minnufih kull attività militari fl-Ukrajna, tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu rikonoxxut internazzjonalment tal-Ukrajna u tikkumpensa lill-Ukrajna għall-ħsara kkawżata lill-poplu, l-art, in-natura u l-infrastruttura tagħha;

2. Jesprimi s-solidarjetà assoluta tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, flimkien mal-appoġġ sħiħ tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u jissottolinja li din il-gwerra ta' aggressjoni tikkostitwixxi ksur sfaċċat u flagranti tal-Karta tan-NU u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali; itenni l-appoġġ tiegħu għall-impenji tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jipprovdu assistenza umanitarja, appoġġ militari, għajnuna ekonomika u finanzjarja u appoġġ politiku b'kull mod possibbli sar-rebħa tal-Ukrajna sabiex

finalment titwaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u l-Ukrajna titħalla tillibera l-poplu kollu tagħha u terġa' tistabbilixxi kontroll sħiħ fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha; jenfasizza li l-għan aħħari jibqa' li tinkiseb paċi ġusta u dejjiema fl-Ukrajna skont it-termini tal-Ukrajna, filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza u d-dinjità tal-poplu tagħha f'Ewropa paċifika u stabbli;

3. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu b'mod attiv biex jinżamm u jinkiseb l-aktar appoġġ internazzjonali mifrux possibbli għall-Ukrajna u jidentifikaw soluzzjoni paċifika għall-gwerra, li trid tkun ibbażata fuq ir-rispett sħiħ tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-obbligu ta' rendikont għad-delitti tal-gwerra u għad-delitt ta' aggressjoni mwettqa mir-Russja, u r-reparazzjonijiet u pagamenti oħra min-naħa tar-Russja għall-ħsara enormi kkawżata fl-Ukrajna; jappella għal impenn attiv tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Formula ta' Paċi tal-Ukrajna u l-ħolqien tar-raġunijiet biex isir it-tieni Summit dwar il-Paċi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi malajr assistenza finanzjarja fit-tul għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna f'kollaborazzjoni mal-pajjiżi sħab, b'mod partikolari billi tiżgura implimentazzjoni rapida tal-Faċilità għall-Ukrajna u tibni fuqha biex tiżgura appoġġ kontinwu f'livelli adegwati u riżorsi għar-rikostruzzjoni proporzjonati mal-appoġġ politiku tagħna għall-Ukrajna;

5. Jistieden lill-Istati Membri kollha jżidu l-finanzjament tagħhom għall-Ukrajna u joqogħdu lura milli jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom; itenni l-konvinzjoni soda tiegħu li r-Russja jeħtiġilha tipprovdi kumpens finanzjarju għall-ħsara enormi li kkawżat fl-Ukrajna; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jidderieġi d-dħul straordinarju li ġej mill-assi immobilizzati tal-Istat Russu lejn il-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna u l-Faċilità għall-Ukrajna kif ukoll id-deċiżjoni tal-G7 li joffri lill-Ukrajna self ta' USD 50 biljun garantit permezz ta' assi immobilizzati tal-Istat Russu; jappella għal progress mgħaġġel fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-G7 li joffri lill-Ukrajna self ta' USD 50 biljun, garantit permezz ta' assi immobilizzati tal-Istat Russu, biex jiġi żgurat l-iżborż f'waqtu tal-fondi lill-Ukrajna; jappella lill-UE tmexxi dil-ħidma 'l quddiem, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, billi tadatta l-leġiżlazzjoni dwar is-sanzjonijiet kif meħtieġ u billi tistabbilixxi reġim legali sod għall-konfiska tal-assi proprjetà tal-Istat Russu ffriżati mill-UE;

6. Jappella għal żieda sostanzjali fl-għajnuna umanitarja tal-UE sabiex jiġi żgurat li appoġġ sħiħ għall-Ukrajna jkompli fl-2025; jinnota li l-ħtieġa ta' appoġġ umanitarju x'aktarx se tkompli fis-snin li ġejjin u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tkun lesta tissodisfa dawn il-ħtiġijiet bi ppjanar fit-tul u b'fondi adegwati; jistieden lill-Istati newtrali jżidu l-għajnuna umanitarja tagħhom lill-Ukrajna;

7. Itenni li l-Ukrajna, bħala vittma ta' aggressjoni, għandha dritt leġittimu għall-awtodifiża f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU; ifakkar li l-assistenza militari sinifikanti, għalkemm għadha mhijiex biżżejjed, ipprovduta mill-UE, mill-Istati Uniti u minn sħab tal-istess fehma, hija mfassla biex tippermetti lill-Ukrajna tiddefendi ruħha b'mod effettiv kontra stat aggressur u tistabbilixxi mill-ġdid kontroll sħiħ fuq it-territorju rikonoxxut internazzjonalment kollu tagħha;

8. Jistieden lill-Istati Membri jneħħu minnufih ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tas-sistemi ta' armi tal-Punent fornuti lill-Ukrajna kontra bersalli militari leġittimi fit-territorju Russu, peress li dan ixekkel il-kapaċità tal-Ukrajna li teżerċita bis-sħiħ id-dritt tagħha għall-awtodifiża skont id-dritt internazzjonali pubbliku u tħalli lill-Ukrajna esposta għal attakki fuq il-popolazzjoni u l-infrastruttura tagħha;

9. Jissottolinja li l-konsenji insuffiċjenti ta' munizzjon u armi u r-restrizzjonijiet fuq l-użu tagħhom jistgħu jimminaw l-isforzi li saru s'issa u jiddeplora bil-qawwa t-tnaqqis fil-volum finanzjarju tal-għajnuna militari bilaterali lill-Ukrajna mill-Istati Membri, minkejja d-dikjarazzjonijiet qawwija li saru fil-bidu ta' din is-sena; itenni, għalhekk, l-appelli tiegħu lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-impenn tagħhom ta' Marzu 2023 li jwasslu miljun balla ta' munizzjon lill-Ukrajna, jaċċeleraw il-kunsinni ta' armi, b'mod partikolari ta' sistemi moderni ta' difiża tal-ajru u ta' armi u munizzjon oħra skont ħtiġijiet identifikati b'mod ċar, fosthom missili Taurus; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-impenji li saru f'impenji konġunti tas-sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-Istati Membri kollha tal-UE u l-alleati tan-NATO għandhom jimpenjaw ruħhom b'mod kollettiv u individwali biex jappoġġjaw lill-Ukrajna b'mod militari b'mhux anqas minn 0,25 % tal-PDG tagħhom kull sena;

10. Jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tad-difiża tal-ajru bejn l-Istati Membri biex tiġi żgurata l-protezzjoni mit-theddid li jasal fl-ispazju tal-ajru tal-UE u tan-NATO;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha f'komunikazzjoni strateġika fl-Istati Membri biex tispjega l-importanza tad-difiża tal-Ukrajna għall-istabbiltà usa' tal-Ewropa u tiżgura li ċ-ċittadini tal-UE jkunu infurmati tajjeb dwar is-sinifikat ta' din l-assistenza, kemm għas-sovranità tal-Ukrajna kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà madwar l-UE; jilqa' u jfaħħar l-isforz pubbliku u l-inizjattivi ta' finanzjament kollettiv taċ-ċittadini f'xi Stati Membri, biex jiżguraw provvista kostanti ta' armi għall-Ukrajna; iħeġġeġ ukoll inizjattivi simili madwar l-UE biex jitrawmu s-solidarjetà u l-involviment pubbliku f'din il-kawża kritika;

12. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jissodisfaw l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-2022 u jaċċeleraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Boxxla Strateġika billi jsaħħu l-kooperazzjoni militari Ewropea fil-livell industrijali u dak tal-forzi armati, sabiex l-UE ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi li jkun interoperabbli u komplementari man-NATO; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi konkreti favur l-integrazzjoni tal-Ukrajna fil-politiki u fil-programmi tal-UE fl-oqsma tad-difiża u ċ-ċibersigurtà matul il-proċess ta' adeżjoni mal-UE; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jaċċeleraw l-adozzjoni tal-istrateġija tal-industrija tad-difiża Ewropea sabiex jiżguraw id-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom tal-prodotti tad-difiża, li min-naħa tagħhom jippermettu l-għoti f'waqtu ta' appoġġ militari lill-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom li jistabbilixxu produzzjoni militari fit-territorju Ukren; jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni mal-industrija tad-difiża Ukrena u l-integrazzjoni tagħha, fit-tul, fil-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża tal-UE;

13. Ifaħħar lill-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna għar-rwol vitali tiegħu fil-

koordinazzjoni tal-appoġġ internazzjonali u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex isaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ukrajna;

14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri attivament jagħmlu pressjoni fuq l-Ungerija biex ittemm l-imblokk tagħha tal-EPF, inkluż il-Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna li għadu kif ġie stabbilit;

15. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru bħala arma tal-gwerra u jenfasizza li dan jikkostitwixxi delitt tal-gwerra; jistieden lill-pajjiżi ospitanti u ta' tranżitu jiggarantixxu aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, b'mod partikolari l-kontraċezzjoni ta' emerġenza, il-profilassi ta' wara l-esponiment u l-kura f'każ ta' abort, inkluż għas-superstiti tal-istupru;

16. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex iżżid l-isforzi biex tindirizza s-sitwazzjoni mwiegħra ta' dawk deportati bil-forza lejn ir-Russja u t-tfal adottati bil-forza fir-Russja, inkluż billi tissanzjona persuni direttament responsabbli għat-trasferiment furzat u d-detenzjoni mhux ġustifikata tat-tfal Ukreni u persuni involuti fihom;

17. Iħeġġeġ lill-Ungerija tirtira d-digriet li jikkanċella l-kenn iffinanzjat mill-Istat għar-rifuġjati mill-Punent tal-Ukrajna u tirrispetta r-responsabbiltajiet tagħha skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Protezzjoni Temporanja;

18. Jistieden lill-Kunsill iżomm u jestendi l-politika tas-sanzjonijiet tiegħu kontra r-Russja u l-Belarussja u pajjiżi u entitajiet mhux tal-UE li jipprovdu teknoloġiji u tagħmir militari u b'użu doppju lill-kumpless militari Russu, waqt li jagħmel monitoraġġ, rieżami u titjib tal-effikaċja u l-impatt tal-politika; jikkundanna t-trasferiment reċenti ta' missili ballistiċi mill-Iran lejn ir-Russja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jwessgħu u jsaħħu r-reġim ta' sanzjonijiet kontra l-Iran u l-Korea ta' Fuq fid-dawl tal-appoġġ militari ta' dawn il-pajjiżi għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jżidu entitajiet u individwi Ċiniżi addizzjonali mal-lista ta' sanzjonijiet tal-UE minħabba l-appoġġ tagħhom għas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja; jistieden lill-Kunsill jindirizza b'mod sistematiku ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet minn kumpaniji bbażati fl-UE, partijiet terzi u Stati mhux tal-UE; jistieden lill-Kunsill ifassal reġim ta' sanzjonijiet orizzontali ġdid biex jiġġieled din iċ-ċirkomvenzjoni, li jirrikjedi strument aktar ġenerali u applikabbli b'mod olistiku biex tiġi mmirata ċ-ċirkomvenzjoni fir-reġimi kollha implimentati mill-UE;

19. Jenfasizza li l-impatt tas-sanzjonijiet eżistenti, u l-appoġġ finanzjarju u militari lill-Ukrajna, se jkomplu jiġu mminati sakemm l-UE tibqa' tippermetti l-importazzjoni ta' fjuwils fossili Russi; jitlob projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' ċereali, potassa u fertilizzanti Russi, kif ukoll materja prima, inklużi l-aluminju, il-prodotti tal-azzar, l-uranju, it-titanju, in-nikil, l-injam u l-prodotti tal-injam, u l-gass u ż-żejt; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintroduċu projbizzjoni sħiħa fuq prodotti taż-żejt raffinat Russi esportati mill-ġdid; jappella, barra minn hekk, għall-implimentazzjoni ta' dokumentazzjoni tar-"regoli tal-oriġini", li tiżgura l-oriġini vera tal-prodotti taż-żejt importati fl-UE;

20. Jistieden lill-pajjiżi tal-G7 jinfurzaw b'mod aktar effettiv il-limitu massimu tal-prezz impost fuq iż-żejt Russu li jinġarr bil-baħar u jrażżnu l-lakuni użati mir-Russja biex tippakkja mill-ġdid u tbigħ iż-żejt tagħha bil-prezzijiet tas-suq; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jeżerċitaw kontroll strett fuq il-"flotta mistura" tar-Russja, li, minbarra li tikser is-sanzjonijiet tal-UE u tal-G7, toħloq theddida ekoloġika enormi għall-ekosistema bħala riżultat tan-nuqqasijiet tekniċi u l-ħsarat frekwenti tagħha;

21. Jitlob embargo sħiħ fuq il-gass naturali likwifikat Russu u sanzjonijiet kontra Gazprom u kumpaniji taż-żejt Russi; jistieden lill-UE timponi r-rekwiżit li l-bastimenti tal-klassi tas-silġ Arc-7 li jesportaw il-gass naturali likwifikat Russu jiġu inklużi fil-listi ta' sanzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Istati Uniti għall-Kontroll tal-Assi Barranin u tal-UE, filwaqt li ċċaħħadhom mill-aċċess għall-portijiet jew għas-servizzi marittimi tal-Punent; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimponu sanzjonijiet immirati fuq bastimenti marittimi użati mir-Russja biex jevitaw is-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass tagħha u l-manutenzjoni tal-proġetti tal-enerġija tagħha fl-Artiku;

22. Jappella għal sanzjonijiet fuq is-settur nukleari tar-Russja u sanzjonijiet immirati kontra l-awturi ta' ksur tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia;

23. Jikkundanna l-għadd dejjem jikber ta' attakki ibridi mwettqa mir-Russja kontra l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi kandidati, bl-għan li ddgħajjef l-appoġġ Ewropew għall-Ukrajna permezz tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni, is-sabotaġġ, it-tentattivi ta' destabbilizzazzjoni moħbija u l-korruzzjoni; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu b'mod strateġiku u proattiv sabiex jiġġieldu t-theddid ibridu, isaħħu l-komunikazzjoni strateġika tal-UE u jipprevjenu l-indħil tar-Russja fil-proċessi politiċi, elettorali u demokratiċi oħra fl-UE u fil-viċinat tagħha;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, lill-Gvern Russu, u lin-Nazzjonijiet Uniti.